MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 116/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen Gatt)**
**Vs**
**Daniel William Micallef**
**Marco Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta’ Lulju, 2006 gewwa l-Msida ghall-habta tal-11.45 p.m.,

a) volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu vettura Hyundai Atos MEL 011 li tappartjeni lil Melanie Meilak, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma izjed minn hamsin lira Maltin, ghad-detriment ta’ Melanie Meilak;

b) lil Marco Scerri biss, talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi bhala ufficjal pubbliku, kkommetta reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu

huwa kellu d-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur tal-artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Marzu, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 325(b), 141 u 31 tal-Kap. 9 sabet lill-appellanti hatja tar-reati kontrihom dedotti w ikkundannat lil Daniel William Mercieca hames xhur prigunerija w lil Marco Scerri seba’ xhur prigunerija.
Il-Qorti pero’ ordnat li s-sentenza ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda fis-sehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sena l-akkuzati jew minn minnhom jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fl-imsemmi perjodu ta’ sena.
Rat ukoll l-artikolu 28H tal-kap. 9 u ikkundannat lill-appellanti, kull wiehed ghalih li ihallas lill-kwerelanta €150 fi zmien li ma jiskorrix is-sitt xhur in linja ta’ danni/kumpens bla pregudizzju ghal kull azzjoni spettanti lill-kwerelanta.
Il-Qorti spjegat lill-appellanti r-responsabbilitajiet taghhom li johorgu minn dina s-sentenza wkoll fid-dawl tal-imsemmi artikolu 28H sub-artikolu (4) u (5).

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhomipprezentat fis-6 t’April, 2009, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w ghalhekk tilliberahom minn kull imputazzjoni w htija, w fl-eventwalita’ li dina l-Qorti xorta ssib lill-appellanti hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom tinfliggi piena anqas harxa minn dik pronunzjata mill-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. illi mill-provi kumpilati ma jirrizultax illi l-vettura Hyundai Atos MEL011 kienet effettivament propjeta’ ta’ l-kwerelanti Melanie Meilaq. Fil-fatt ma giet avvanzata l-ebda prova dokumentarja li turi li Melanie Meilaq kienet is-sid tal-vettura fid-data li sehh l-incident, u wisq anqas ma

gie prodott bhala xhud xi rapprezentant tal-awtorita' li maghha isehhu r-registrazzjoni w il-licenzjament ta' vettura. Fil-fehma tal-appellanti dina l-prova kellha tigi necessarjament avvanzata mill-prsoekuzzjoni sabiex l-akkuzi setghu rregghu fil-konfront tal-appellanti. Jinghad ukoll li tali prova kienet ukoll ezzenezjali stante li l-artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi fejn il-hsara ma teccedix is-somma ta' €116.46. ekwivalenti ghal LM150 ma jistghux jigu mibnija proceduri kriminali minghajr kwerela tal-parti leza w ghalhekk kien necessarjament mehtieg li jigi ppruvat minn effettivament kienet il-parti leza. Dan l-element huwa wkoll marbut mat-tieni aggravju avvanzat mill-appellanti f'dana l-appell.

2. illi ma giex ippruvat li l-vettura effettivament sofriet hsarat. Ghalkemm huwa minnu li l-appellanti ammettew li huma tefghu flixkun li laqat hgiega tal-vettura, ma giet avvanzata l-ebda prova accettabbli sabiex jigi deteminat jekk effettivament gietx ikkawzata hsara fil-vettura.

3. illi mill-provi kumpilati rrizulta ampjament ippruvat illi l-flixkun kull ma laqat kien il-hgiega tal-passiggiera tal-vettura u ghalhekk jekk giet kawzata hsara fil-hgiega, dina kienet l-unika hsara li setghet giet kawzata mill-azzjoni tal-appellanti. Il-hsara li skond il-kwerelanti giet kawzata bhala konsegwenza diretta tal-azzjoni tal-appellanti kienet tammonta ghal LM317. hija qalet li sabet daqqiet mal-vettura kollha, ghalkemm ammettiet ukoll li l-vettura kien diga' fiha numru ta' daqqiet. Il-valur tat-tieqa dejjem skond stima esebita mill-istess kwerelanti jammonta ghal €41.82 ekwivalenti LM18. konsegwnetement l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issibhom hatja li kkagunaw hsara li teccedi l-valur ta' €116.46 ekwivalenti ghal LM50 u ghalhekk l-artikolu li kellu jigi applikat mill-Ewwel Qorti kellu jkun l-artikolu 325 (1)(c) jew l-artikolu 325(1)(d) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta w mhux l-artikolu 325(1)(b).

4. illi l-kundannat dikjarata mill-Ewwel Qorti a bazi tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 fis-sens illi l-appellanti qatt ma setghu jigu ordnati jhallsu lill-kwerelanti l-ammont ta' €150 kull wiehed.

5. illi l-piena li giet imposta fuqhom hija eccessiva tenut kont tas-segwenti fatturi :

a. l-fedina penali tal-appellanti ma hijiex mittiefsa;

b. minn dak inhar tal-incident l-appellanti dejjem gabu ruhhom ta’ cittadini ezemplari;
c. l-incident kien il-frott ta’ mument ta’ bluha;
d. l-appellanti kkollaboraw bis-shih mal-Pulizija Ezekuttiva;
e. l-appellanti it-tnejn ghandhom impjieg regolari w li piena karcerarja fuq individwi li jahdmu w li dejjem hadmu jkollha effett tassem negattiv fuq il-kondotta taghhom.

Ikkunsidrat

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti :-
Fis-26 ta’ Lulju, 2006 ghall-habta ta’ 11.45 p.m. l-appellanti kienu qeghdin f’karozza Honda EAZ 814 isuqu fi Triq il-Wied, l-Msida. Hemmhekk lemhu karozza ta’ tip Hyundai Atos MEL 011 proprjeta’ ta’ Melanie Meilaq li ghamlet zmien tohrog ma’ Daniel Micallef. Dak il-hin Melanie Meilaq kienet fil-gallarija tad-dar taghha “Karuzan”, Triq il-Wied, Msida flimkien mal-habiba taghha Tara Brownrigg. Fil-hin tara l-karozza tal-ex boyfriend EAZ 814 tinsaq bil-mod u tieqaf ma genb il-karozza taghha MEL 011. F’daqqa w il-hin semghet hoss u rat flixkun jigi mitfugh mit-tieqa tal-passiggier tal-karozza EAZ 814 ghal fuq il-karozza taghha.

Tara Brownrigg rat persuna titfa’ dan il-flixkun mill-“passenger seat” u semghet lehen jghid “suq suq” u l-karozza qabdet u telqet. Meta z-zewg tfajliet nizlu isfel u raw il-hsara marru jirrapurtaw l-ghassa.

L-appellanti Daniel William Micallef u Daniel Scerri gew arrestati w rrilaxxaw stqarrija w l-appellant Marco Scerri ammetta li kien hu li waddab il-flixkun.

Rigward il-hsara l-Ispettur Stephen Gatt (a fol. 14) jghid “jiena l-hsara rajtha personalment u kkonstatajtha billi kienet inkisret il-hgiega tan-naha tax-xufier, u kien hemm ukoll marki illi jiena deherli li saru b’qiegh ta’ flixkun fuq il-genb, jekk ma nizbaljax in-naha tax-xufier ........ rajt b’kollox sitt daqqiet”.

Il-parti leza esebiet zewg stimi tal-hsara subiti wiehed a fol. 22 ghall-ammont ta’ LM 317.42 ta’ Doljo Garage, Hal-Qormi w kont iehor a fol. 30 ta’ l-agent tal-Hyundai ghall-ammont ta’ LM 440.93.

Bil-verbal a fol. 44 datat 20 t’Ottubru 2008 hemm indikat li “id-difiza taccetta li l-istimi huma korretti.”

Ikkunsidrat
Illi fit-trattazzjoni tieghu l-gharef Avukat tal-appellanti spjega illi filwaqt li l-fatti huma ammessi mill-appellanti, kienu qeghdin jikkonstataw l-ammont tal-hsara peress illi skond huma l-hsara kienet biss fil-hgiega tal-karozza illi kienet tiswa tmintax-il lira w ghalhekk peress illi kienet taht il-hamsin lira l-piena nflitta kienet wisq u wisq severa mehud inkonsiderazzjoni wkoll illi dan kien incident izolat, ta’ darba w z-zewg appellanti ghandhom fedina penali nadifa.

Ikkunsidrat

Illi minn dak li rrizulta mill-fatti jidher illi l-hsara li sofriet il-vettura kienet ferm iktar milli ksur fil-hgiega, peress illi saret hsara wkoll fil-bieba taht il-hgiega.

L-istimi illi hemm esebiti a fol. 22 u 30 juri bdil ta’ hgieg, xoghol ta’ zebgha w “labour”. L-irhass stima hija ta’ LM 317.42 ferm aktar milli qeghdin jallegaw l-appellanti. Fi kwalunkwe kaz, il-verbal fuq imsemmi a fol. 44 tal-atti jaghlaq il-kwistjoni b’dikjarazzjoni tad-difiza li l-istimi huma korretti.

Dan ghalhekk jirrizulta li l-parametri tal-ewwel akkuza huma korreti peress li l-appellanti huma addebitati bi hsara li ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin izda izjed minn hamsin lira Maltin.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma’ l-argument ta’ l-Ewwel Qorti meta qalet li gie sodisfaciment ippruvat li l-hsara teccedi l-116.47 Euro izda mhux il-1164.69 Euro.

Il-Qorti rat ukoll illi l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri tal-Ligi w li ragjonevolment u legalment setghet tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Carmelo Schembri 28/4/1995 fejn irreferiet dwar l-apprezzament tal-provi fi stadju ta’ appell u qalet *“hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondiet tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.”*

Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament approfondiet u waslet ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------